

Brussell, 24 ta' Jannar 2022
(OR. fr, en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0396(NLE)

5400/22
ADD 1

JAI 57
FREMP 14
COVID-19 12
FRONT 25
MI 39
SAN 32
TRANS 25
IPCR 11
COCON 9
COMIX 33

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Koordinazzjoni COVID-19 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 - Talba mid-delegazzjoni Awstrijaka

Id-dikjarazzjoni li ġejja ser tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill:

Dikjarazzjoni mill-Awstrija dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1632 fir-rigward ta' approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 fiż-żona Schengen.

L-Awstrija tappoġġa fil-prinċipju l-approċċ koordinat bil-għan li tinholq uniformità akbar fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Dan għandu jippermetti li jittieħdu miżuri koordinati biex titħares is-saħħa pubblika u jkun jista' jiġi eżerċitat id-dritt għall-moviment liberu. L-Awstrija hija favur iż-żamma tar-reqwizit taċ-Ċertifikat COVID Diġitali fil-prinċipju għall-ivvjaġġar fl-Ewropa.

B'mod ġenerali, l-Awstrija tixtieq tinnotta li d-dgħufija tal-protezzjoni tat-tilqim trid titqies ukoll meta jiġi stabbilit perijodu ta' aċċettazzjoni uniformi taċ-ċertifikati tat-tilqim u li l-possibbiltà ta' regoli differenti rigward l-użu domestiku taċ-ċertifikat tat-tilqim trid tkompli teżisti. Għalhekk, l-Awstrija bħalissa qed tippjana li tnaqqas il-validità tal- "Grüner Pass" (terminu għall-istrument ta' implimentazzjoni nazzjonali taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għal persuni li tlaqqmu darbtejn minn 270 għal 180 jum mill-1 ta' Frar 2022. Madankollu, għall-persuni li jkunu tlaqqmu tliet darbiet il-perjodu ta' validità ta' 270 jum jibqa'.

Mill-perspettiva tal-Awstrija, il-perjodu ta' validità uniformi propost għall-UE kollha ta' 270 jum wara t-tlestija tal-ewwel serje ta' tilqim ma għandux ikun applikabbli għal individwi li rċevew doża waħda tal-Vaċċin Janssen kontra l-COVID-19. Abbażi ta' evidenza xjentifika, it-tieni doża biss ta' vaċċin approvat mill-EMA tiġġustifika l-ħruġ ta' ċertifikat validu għal 270-il jum.
